# Ħadd ma tressaq il-Qorti fuq kaċċa illegali għall-Gamiem is-sena l-oħra, il-Gvern għandu jieqaf jilgħab bil-kliem

## L-istaġun tal-kaċċa għas-Summien fir-rebbiegħa ta' din is-sena għandu l-iskop preċiż li jwassal għall-istess massakru ta' sena ilu fuq il-Gamiema li hija protetta

Wara l-laqgħa tal-bieraħ tal-Kumitat Ornis, li saret ġimgħa biss qabel il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, BirdLife Malta tikkritika n-nuqqas ta' infurzar li jkompli jitfa' l-melħ fuq il-ferita fejn għandu x'jaqsam ma' staġuni tal-kaċċa mfassla apposta biex iservu ta' paraventu għall-qtil illegali tal-Gamiema matul ir-rebbiegħa, speċi li llum hija kklassifikata bħala vulnerabbli u fil-periklu. Waqt il-laqgħa tal-bieraħ uffiċjali għolja tal-pulizija kienu mistiedna jiddiskutu l-pjani marbutin mal-infurzar tul il-perjodu tad-deroga u ġew ikkonfrontati bir-riżultati tas-sena li għaddiet li juru li l-ebda individwu ma tressaq il-Qorti fuq kaċċa illegali għall-Gamiem tul il-perjodu tad-deroga tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

Deroga għall-kaċċa fir-rebbiegħa bħal dik li se titħaddem għall-istaġun li se jinfetaħ bejn l-10 u t-30 ta' April tista' tkun ġustifikata biss mal-Unjoni Ewropea (UE) jekk issegwi numru ta' kriterji stretti, fosthom dawk tal-infurzar. Riżultat ta' dan, l-awtoritajiet Maltin huma obbligati li jaraw li tul l-istaġun ikun hemm 7 uffiċjali tal-pulizija għal kull 1,000 kaċċatur. B'7,647 applikazzjoni li daħlu din is-sena għal liċenzji tal-kaċċa fir-rebbiegħa, dan ifisser li jrid ikun hemm total ta' 54 uffiċjal f'kull ħin tal-istaġun miftuħ. Waqt li fuq il-karta dawn iċ-ċifri jidhru fattibbli, l-effettività tagħhom hija limitata ħafna.

Wara l-vot tal-Kumitat Ornis fuq is-suġġett il-ġimgħa li għaddiet, il-Gvern għażel li jiftaħ staġun għas-Summien biss, waqt li warrab it-tentattiv tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti biex jitneħħa l-moratorju fuq il-kaċċa għall-Gamiema, li llum tinsab fuq ir-*red list* tal-IUCN. Madanakollu xorta se jippermetti staġun tal-kaċċa bejn l-10 u t-30 ta' April, fuq talba tal-FKNK stess. L-aħħar ġimagħtejn ta' April huma assoċjati mal-eqqel tal-passa tal-Gamiema, waqt li l-passa tas-Summien hu magħruf li tkun fl-aqwa tagħha aktar kmieni tul ix-xahar. Dan jitfa' r-responsabbiltà tal-infurzar fuq l-awtoritajiet tal-pulizija biex jaraw li ma jinqatilx illegalment il-Gamiem tul dan il-perjodu.

Waqt il-laqgħa tal-bieraħ, BirdLife Malta fakkret li minkejja l-isforzi li saru s-sena l-oħra, lanqas kaċċatur wieħed ma tressaq quddiem il-ġustizzja u dan minkejja li BirdLife Malta pprovdiet evidenza konkreta ta' kaċċa illegali lill-pulizija. Każ partikolari kien saħanistra jinvolvi uffiċjal tal-FKNK li kien iffilmjat fil-Miżieb jispara u jniżżel Gamiema waqt l-istaġun tal-kaċċa għas-Summien tas-sena l-oħra. Sena wara dan l-inċident, l-ebda

kaċċatur ma tressaq il-Qorti, li jfisser li dawn l-istess individwi jistgħu jerġgħu joħorġu għall-kaċċa din ir-rebbiegħa, bla ma jiffaċċjaw l-ebda multi.

Hija r-responsabbiltà tal-Gvern li jiżgura li l-Korp tal-Pulizija ssegwi każi ta' kaċċa illegali għall-Gamiem. Minkejja s-sejħa mill-Kumitat Ornis biex jitwaqqaf *wildlife crime unit* kif suppost fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li jiffoka esklussivament fuq reati kriminali ambjentali, il-Gvern ma għamel xejn f'dan ir-rigward.

In-nuqqas ta' ħeġġa mill-Gvern biex jieħu xi tip ta' azzjoni fuq din il-materja jsegwi s-sena rekord li kellna f'dak li għandu x'jaqsam mal-qtil illegali ta' għasafar protetti. Is-sena l-oħra, fil-fatt, BirdLife Malta rċeviet total ta' 114-il tajra protetta li spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali, li jagħmel mill-2018 sena rekord mill-2013 lil hawn. Aktar minn hekk, din is-sena diġà daħlulna xejn inqas minn 13-il għasfur protett milqut jew maqtul tul l-istaġun magħluq. Għaxra minn dawn inġabru mill-bidu tar-rebbiegħa 'l hawn, sebgħa minnhom fl-aħħar ġimgħa biss. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw biss perċentwal żgħir minn dak li verament jiġri fil-kampanja tagħna. Dan kollu jindika li l-2019 se tkun sena oħra rekord għall-qtil illegali tal-għasafar.

"Il-Prim Ministru Joseph Muscat għażel b'mod konxju li jiftaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa matul l-aqwa tal-passa tal-Gamiema, u injora l-valur li l-Unjoni Ewropea tagħti lil dan l-għasfur, fi żmien meta l-Kummissjoni Ewropea qed titlob lill-pajjiżi biex iħarsu lil din l-ispeċi madwar l-istati membri kollha. Dan huwa diżappuntanti minn Prim Ministru li rnexxielu jikseb it-tifħir madwar l-UE għad-diversi deċiżjonijiet kuraġġjużi li ħa f'oqsma varji, imma min-naħa l-oħra qed iżomm lil Malta lura milli tirrispetta verament il-prinċipji tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar, 40 sena wara li din ġiet adottata mill-istati membri tal-UE," sostna l-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana.

Din id-Direttiva, li għandna kif iċċelebrajna l-40 anniversarju tagħha aktar kmieni din il-ġimgħa, ma tippermettix kaċċa fir-rebbiegħa u abbażi tagħha jiġi msejjes kull pjan ta' azzjoni marbut ma' speċi taħt theddida bħall-Gamiema. L-Ispecies Action Plan for the Turtle Dove li kien ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea s-sena l-oħra jesiġi protezzjoni sħiħa għall-Gamiema u jipproponi li l-kaċċa għal din l-ispeċi ma tkunx permessa lanqas fi staġuni tal-kaċċa tal-ħarifa.

L-għasafar m'għandhomx jinqatlu meta jkunu qed ipassu biex ibejtu u BirdLife Malta ttenni li l-kaċċa insostenibbli fir-rebbiegħa għandha tieqaf, biex Malta tkun qed tonora b'mod sħiħ dak li tgħid id-Direttiva Ewropea tal-Għasafar. Bħalma għamlet fis-saga tal-insib għall-għasafar tal-għana, BirdLife Malta se tkun qed tibgħat rapport lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa, wara li ma rnexxilhiex tipperswadi lis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mir-regolamentazzjoni tal-kaċċa biex jagħti widen lil xi forma ta' argumenti xjentifiċi.

"Pajjiżna u ċ-ċittadini tiegħu jridu, u jixirqilhom li jkollhom in-natura u l-bijodiversità mħarsa, u s'issa dan il-Gvern falla minn dan l-aspett," ikkonkluda Mark Sultana.

BirdLife Malta qed tħeġġeġ lill-pubbliku biex jirrapporta kull illegalità li josserva, u tfakkar lil kulħadd dwar il-karatteristiċi differenti mill-aktar ċari li jiddistingwu lis-Summiena mill-Gamiema – żewġ għasafar li jvarjaw fid-dehra, fl-għajta tagħhom, fil-mod kif itiru, fil-mod kif jiġu kkaċċjati u anke fil-mod kif jiġu attirati. Tul l-istaġun tal-kaċċa se nkunu għaddejjin bil-kamp annwali tagħna Spring Watch bl-assistenza ta' voluntieri lokali u Ewropej li se jkunu qed josservaw il-passa tal-għasafar u l-kaċċa.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- Il-kaċċa: x'jgħidu l-liġijiet u kif tirrapporta illegalitajiet
- Il-klassifikazzjoni tal-Gamiema bħala vulnerabbli fuq ir-red list tal-IUCN
- L-Ispecies Action Plan tal-Kummissjoni Ewropea għall-Gamiema

**Ritratti mehmużin:**

1. Summiena maqtula tul l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa (Ritratt ta' Luke Massey)
2. Gamiema maqtula illegalment tul ir-rebbiegħa (Ritratt ta' Filip Wieckowski)
3. Bagħdan Aħmar ferut misjub fil-Qrendi fit-28 ta' Marzu 2019 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
4. Russett Aħmar li nstab ferut f'Ħaż-Żabbar fid-29 ta' Marzu 2019 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. Spanjulett mejjet li nstab f'Delimara mill-pubbliku fil-31 ta' Marzu 2019 (Ritratt ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmati minn hawn (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

1. Erbgħa mill-vittmi tal-kaċċa illegali miġbura tul l-istaġun magħluq mill-bidu tar-rebbiegħa 2019 'l hawn
2. Uffiċjal tal-FKNK jinqabad fil-fatt jispara illegalment lejn Gamiema s-sena l-oħra
3. Kif tagħraf id-differenza bejn Summiena u Gamiema

**Nota għall-edituri:**
L-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa ta' din is-sena – li suppost se jiftaħ biss għas-Summien – se jkun miftuħ mill-10 sat-30 ta' April 2019 (iż-żewġ dati inklużi), li jfisser li d-dati ġew estiżi aktar lejn tmiem ix-xahar meta mqabbel mas-sena li għaddiet (meta l-istaġun fetaħ bejn il-1 u l-21 ta' April). Effettivament dan ifisser li ta' din is-sena se jkun staġun miftuħ għall-kaċċa tal-Gamiema peress li huwa ċar li d-dati se jaħbtu mal-aqwa tal-perjodu tal-passa tal-Gamiema – speċi vulnerabbli – tul l-aħħar ġimagħtejn ta' April. Il-kaċċa se tkun permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar f'kull ġurnata tal-istaġun. Il-kwota nazzjonali tal-istaġun se tkun ta' 5,000 Summiena – kemm il-kwota individwali tal-ġurnata u anke l-kwota individwali tal-istaġun, tneħħew. B'kollox total ta' 7,647 kaċċatur applikaw għal-liċenzja tal-kaċċa (6,395 kaċċatur reġistrat f'Malta, 1,252 f'Għawdex),